Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,874, 23 ta' Novembru, 1999
Taqsima B

A.L. 198 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema l-Ewwel Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda". Titolu.

2. Minnufih wara l-partita "It-Tarzna ta' Malta" fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda u l-kliem relattivi mniżżla biswithom fit-tieni kolonna ta' l-imsemmija Skeda għandha tidħol il-partita ġdida li tidher fl-ewwel kolonna hawn taħt u l-kliem relattivi mniżżla biswitha li jidhru fit-tieni kolonna hawn taħt: Temenda l-Iskeda.

L-ewwel Kolonna	It-tieni kolonna
"Korporazzjoni Enemalta	Bejgħ ta' petrol biċ-ċomb, petrol bla ċomb *diesel (gas) oil*."